# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum l-14 ta' Gunju, 2017.**

**Fl-atti tal-mandat t'inibizzjoni**
**Rikors Numru 744/17**
**fl-ismijiet:**

**Vinco Limited**
**(C14479)**

**vs.**

**i. Department of Housing Construction & Maintenance**

**ii. Housing Project Management Unit (H.P.M.U.) Limited (C73907)**

**iii. Awtorita` tad-Djar**

Il-Qorti,

1. Regghet rat ir-rikors guramentat promotur datat is-16 ta' Mejju, 2017, (ara foll 1);

2. Regghet rat id-digriet preliminari taghha datat ukoll is-16 ta' Mejju, 2017, (ara foll 1 u 22);

3. Rat ir-risposta tal-intimati datata z-19 ta' Mejju, 2017, (ara foll 24);

4. Semghet lir-rapprezentant tal-intimati jikkonferma li x-xoghol prospettat lamentat mir-rikorrenti effettivament ser isir;

5. Semghet lir-rapprezentanti legali tal-partijiet fir-rigward;

Ikkunsidrat:

6.0. Illi s-socjeta` rikorrenti essenzjalment qed titlob li jitharsu d-drittijiet taghha billi l-intimati:

6.1. Jinzammu milli jaghmlu xoghol ta' skavar, twaqqiegh u kostruzzjoni fil-post indikat fl-istess rikors promotur;

6.2. Jinzammu milli jeliminaw il-passagg hemm ukoll indikat;

Ikkunsidrat:

7. Illi ghal dawn ix-xogholijiet l-intimati ottjenew *Full Development Permission,* (ara foll 64);

8. Illi kemm- il darba x-xogholijiet hemm riferiti jsiru, s-socjeta` rikorrenti ssofri pregudizzju irrimedjabbli;

Ikkunsidrat:

9. Illi fir-rigward tal-passagg *de quo* jirrizulta li hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet *stante* li mid-dokumenti esebiti l-posizzjoni dwar il-passagg ma tirrizultax indikata bi kjarezza;

Ikkunsidrat;

10. Illi ghandu jkun pacifiku li fil-proceduri odjerni din il-qorti m'ghandiex il-kompitu ardwu li tiddeciedi l-mertu veru u proprju fir-rigward;

11. Illi l-kompitu tal-istess hu biss li tiddeciedi jekk jirrizultax li x-xogholijiet proposti mill-intimati jkunux ta' pregudizzju irrimedjabbli ghal xi jedd *in prima facie* appartenenti lis-socjeta` rikorrenti;

Ikkunsidrat:

12. Illi jinghad illi mill-kuntratt ta' kompravendita datat il-11 ta' Novembru, 2013, (ara foll 5), jirrizulta li s-socjeta` rikorrenti hi sid ta' l-art indikata in-Naxxar, inkluz tad-dritt t'access ghall-istess, (ara foll 19);

13. Illi min-naha taghhom l-intimati jirreferu ghall-kuntratt datat is-7 ta' Marzu, 2013, (ara foll 37);

14. Illi pero`, kuntrarju ghall-posizzjoni tas-socjeta` rikorrenti fir-rigward, ezami tal-istess kuntratt indikat fil-paragrafu precedenti ma jindika xejn dwar id-dritt t'access *de quo*, favur l-intimati;

15. Illi in effetti, il-kuntratt ta' kompravendita tal-11 ta' Novembru, 2013, (ara foll 5), jipprova – fuq bazi ta' *prima facie* – li s-socjeta` rikorrenti ghandha dritt t'access minnha allegat;

Ikkunsidrat:

16. Illi sodisfatt dan ir-rekwizit tal-*prima facie* hu allura sufficjenti li din il-procedura tasal ghall-konkluzjoni legittima taghha, anke jekk meta eventwalment jigi ezaminat *funditus* il-mertu veru tal-istess, jistab il-kuntrarju;

Ikkunsidrat:

17. Illi tenut kont tas-suespost din il-qorti hi sodisfatta li d-dritt t'access tas-socjeta` rikorrenti jirrizulta assodat fuq il-bazi rikjesta tal-*prima facie*;

18.0. Illi f'dan ir-rigward jizdied ukoll jinghad:

18.1. Illi l-permessi relattivi gia` inhargu favur l-intimati, (ara foll 64);

18.2. Illi r-rapprezentant tal-intimati informa lill-qorti li l-intimati bi hsiebhom jezegwixxu l-istess xogholijiet;

19. Illi konsegwentement bhala effett dirett tal-istess xogholijiet is-socjeta` rikorrenti ser titlef l-access ghall-proprjeta` taghha;

Ikkunsidrat:

20.0. Illi in vista tal-premess din il-qorti tqis li s-socjeta` rikorrenti pprovat il-kaz taghha skont il-ligi, u konsegwentement:

**DECIDE:**

20.1. Takkolji t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti;

20.2. Tvarja ghalhekk *contrario imperio* id-digriet precedenti taghha fuq riferit, b'mod issa li l-istess mandat in dizamina jinhareg b'mod permanenti;

20.3. Bl-ispejjez ta' din il-procedura kontra l-intimati.

Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**